# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tal-lum it-Tlieta, 2 ta' Frar 2016**

**Rikors Guramentat Numru : 590/1987/2/LSO**

**Michael Fenech bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fenech Oil and Petroleum Company Ltd.**

**vs**

**Albert Mizzi u Joe Curmi bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' MIB Holding Ltd (successuri ta' Mediterranean Insurance Brokers Ltd.)**

**Il-Qorti,**

## **<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Michael Fenech (ID 440647M) bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fenech Oil and Petroleum Company Ltd (C2612) datat 4 ta' Novembru 2015.-

Rat id-digriet tal-Qorti (fol 3) fejn giet ordnata n-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro-parti li jkollu ghaxart ijiem biex iwiegeb, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 fl-10:30am. B' riserva li tirriappunta l-kawza wara li tisma' l-partijiet.

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta (C3540) datata 25 ta' Novembru 2015 a fol 5 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta' Jannar 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, prezenti Michael Fenech. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-istess rikors u ddifferietu ghal digriet kamerali

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Ikkonsidrat li b'sentenza ta' din l-istess Qorti tad-29 ta' Ottubru 2015, moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi (Rik.Gur. 590/1987/1LSO), din il-Qorti iddisponiet mill-kawza billi ddecidiet hekk:

"*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' t-talba tas-socjeta` konvenuta, tirrevoka contrario imperio d-digriet ta' din il-*

*Qorti diversament presjeduta tas-17 ta' Marzu 2011, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz*."

Illi r-rikorrent odjern, l-attur wkoll fil-kawza fuq riferuta, rega' ppronona dan ir-rikors li permezz tieghu talab li l-kawza terga' tigi riappuntata sabiex it-talbiet jigu finalment decizi minn din il-Qorti, wara li l-kawza tigi trattata, kif ukoll sabiex taghtih il-permess biex jappella mic-cahda tar-rikostruzzjoni tal-process.

Illi l-intimat oppona ghat-talba billi s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 2015 kienet wahda finali.

Ikkonsidrat li rrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors li r-rikorrent appella mis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015 u, *di piu'*, pprezenta rikors guramentat fejn iddeduca mill-gdid it-talbiet tieghu gja mertu ta' dik il-kawza.

Illi din il-Qorti tqis li s-sentenza taghha imsemmija hija wahda deciziva u finali. Id-decizjoni mehuda minn din il-Qorti li tasjteni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-kaz ittiehdet wara li din il-Qorti ikkonsidrat :

"l-*ghejbien tal-process fl-interezza tieghu flimkien mat-trapass esagerat taz-zmien (28 sena) dovut ghan-nuqqas ta' interess muri mis-socjeta' attrici li ggib il-kawza taghha 'l quddiem, jimmilitaw kontra r-rikostruzzjoni tal-process minhabba r-ragunijiet ta' veracita' u awtenticita' tal-provi attrici, u ragunijiet ta' smigh xieraq li ghandhom jigu garantiti lis-socjeta' konvenuta, li ma setghet qatt tressaq il-provi qabel mas-socjeta' attrici ghalqet taghha*."

Galadarba hija sentenza finali, isegwi li dan jolqot anke t-talbiet in mertu billi ma jistghux jergghu jitqieghdu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti kif qed jippretendi bir-rikors odjern.

Skont kif inghad "*E' equipollente ad una liberatoria dall'osservanza dal gudizio una sentenza per cui la Corte siasi astenuta del decidere sulle domande attrici " (A. 12.Marzo, 1899)-(Cremona- Giurisprudenza sul Procedura Civile - Vol 1 p 385),*

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**02 ta' Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**02 ta' Frar 2016**